**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 214/18 AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fil-21 ta' Settembru 2002. Illi huwa ssepara legalment minn ma' l-intimata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono nhar is-26 ta' Settembru tas-sena 2013 (Dokument hawn anness u mmarkat BF1);

Illi miz-zwieg il-partijiet kellhom tifla li llum għandha kważi ħmistax (15)-il sena. Illi l-esponenti dejjem ħallas manteniment fil-konfront ta' l-istess wild u għandu l-intenzjoni li jibqgħa jagħmel dan hekk kif pattwit skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni;

Illi l-partijiet ilhom isseparati oltre l-erbgha [4] snin rikjesti mill-ligi;

Illi l-partijiet ma' ghandhom ebda pendenza ta' manteniment jew dejn ieħor bejniethom;

Illi l-partijiet ma' hemmx lok li jergghu jirrikonciljaw;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fil-21 ta' Settembru 2002 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono tas-26 ta' Settembru 2013;

Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti ilhom separati ghal aktar minn erba' snin;

Ili m'hemmx kwistjonijiet pendenti bejniethom dwar manteniment u m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni;

Illi l-esponenti qed tannetti ma din ir-risposta affidavit taghha li jikkonferma l-premess (Dok LD 1);

Illi ghalhekk l-esponenti tissottometti li filwaqt li hija m'ghandiex oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, l-ispejjez kollha ghal tali procedura ghandhom jigu ssoportati mir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju, 2018;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illiipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Settembru, 2013 u ilhom isseparati oltre l-erbgha snin rikjesti mill-Ligi;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.